NSW HEALTH

Maltese
August 2004
[DOH-7260]

# Fuljett dwar il-privatezza għal Pazjenti
(Privacy Leaflet for Patients)

### L-Obbligazzjonijiet Tagħna
Is-servizz tas-saħħa pubblika ta' NSW huwa impenjat li jħares il-privatezza ta' informazzjoni tal-pazjenti, u implimenta miżuri biex jimxi ma' l-obbligazzjonijiet tiegħu skond l-Att tar-Rekords tas-Saħħa u Privatezza ta' Informazzjoni 2002 (Health Records and Information Privacy Act 2002).

Dan il-fuljett jipprovdilek id-dettalji ta' liema informazzjoni personali tinżamm dwarek, kif int tista' jkollok aċċess għal din l-informazzjoni u l-iskopijiet għal x'hiex l-informazzjoni personali dwarek tkun użata u mgħoddija lil oħrajn. L-informazzjoni personali tiegħek tinkludi d-dettalji personali tiegħek u informazzjoni tas-saħħa personali li għandha x'taqsam mal-kura li tingħata.

### Ġbir ta' Informazzjoni
Aħna niġbru l-informazzjoni personali tiegħek biex inkunu nistgħu nipprovdulek kura u pariri. Riżultati ta' testijiet u aktar informazzjoni li jinġabru waqt li int tkun qed tieħu l-kura jinżammu mar-rekord mediku tiegħek. Niġbru biss informazzjoni li hija rilevanti u neċessarja għall-kura tiegħek u għall-immaniġġar tas-servizz tas-saħħa.

Fejn huwa possibbli, niġbru informazzjoni direttament minn għandek. Jista' jkollna bżonn niġbru informazzjoni minn professjonisti oħra tas-saħħa li jkunu ikkurawk. F'emerġenza jista' jkollna bżonn ukoll niġbru informazzjoni minn membru tal-familja, ħabib/a, xi ħadd li jieħu ħsiebek jew persuna oħra li tkun tista' tgħinna biex nipprovdulek l-aħjar kura.

L-informazzjoni li niġbru dwarek tista' tinżamm f'files tal-karti u elettroniċi. Aħna nieħdu il-passi kollha xierqa biex niżguraw li l-informazzjoni li niġbru dwarek tkun storjata b'mod salv. Aħna meħtieġa bil-liġi li nżommu r-rekords tas-saħħa għal ċerti perjodi ta' żmien skond it-tip ta' rekord u faċilita'. Għandna sistemi u policies xierqa li qegħdin hemm biex jiżguraw li l-informazzjoni dwarek ma tintilifx, ma jkunx hemm aċċess għaliha mhux awtorizzat u ma tintużax ħazin.

Jekk ma tkunx trid li nżommu ċerta informazzjoni dwarek, ikollok bżonn tgħidilna u aħna niddiskutu miegħek kull konsegwenzi li dan jista' jkollu fuq il-kura tas-saħħa tiegħek.

### Użu u informazzjoni li tkun mgħoddija lil oħrajn

Il-ħaddiema kollha huma marbuta bil-liġi u prattika etika biex iżommu l-informazzjoni dwarek b'mod kunfidenzjali. Il-ħaddiema jużaw jew jgħaddu l-informazzjoni dwarek lill-oħrajn għal skopijiet li għandhom x'jaqsmu direttament mal-kura tiegħek, u b'modi li inti tistenna jkunu xierqa għal kura kurrenti u futura tiegħek. L-informazzjoni dwar is-saħħa personali tiegħek tgħaddi bejn il-ħaddiema involuti fil-kura tiegħek biex tkun iddeterminata l-aħjar kura għalik u għal għajnuna fl-immaniġġar tas-servizz tas-saħħa pprovdut għalik. Informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi tas-saħħa li tkun ħadt jintbagħtu lit-Tabib nominat minnek, jekk ma titlobx mod ieħor. Fejn ikun rilevanti, informazzjoni tintbagħat lil servizzi tas-saħħa jew sptarijiet involuti fil-kura tiegħek, jew lis-Servizz ta' Ambulanza fi NSW,  lil speċjalista għal riferiment, għal testijiet ta' patoloġija, x-rays, u affarijiet bħal dawn.

Aħna obbligati li ngħaddu xi informazzjoni dwar pazjenti lil aġenziji tal-gvern Statali u tal-Commonwealth biex nimxu mal-liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-irrappurtar ta' mard li jrid ikun innutat u għal statistika, per eżempju, ir-reġistrazzjoni ta' twelid u mwiet. L-informazzjoni personali dwarek tista' tkun meħtieġa bħala evidenza f'każ ta' ċitazzjoni għal quddiem il-qorti.

Nistgħu nużaw jew ngħaddu informazzjoni dwar pazjenti għal ħlas ta' kontijiet, irrappurtar statutorju u għal skopijiet oħra meħtieġa għall-operazzjoni tas-servizz tas-saħħa ta' NSW, inklużi s-sigurta' u inizjattiva ta' titjib ta' kwalita'. Fejn ikun rilevanti, jista' jkollna bżonn li ngħaddu informazzjoni dwar pazjenti lil Medicare, fondi privati tas-saħħa, jew lid-Dipartiment ta' l-Affarijiet tal-Veterani

(Department of Veteran Affairs), il-Kunsill Awstraljan dwar Standards tal-Kura tas-Saħħa (Australian Council on Healtcare Standards) (jew korpi simili ta' akkreditazzjoni).

Nistgħu nużaw l-informazzjoni dwarek jew ngħadduha lil oħrajn biex nikkuntattjawk dwar servejs ta' kemm ikun sodisfatt il-pazjent li jgħinuna nevalwaw u ntejbu s-servizzi tagħna.

Nistgħu nużaw jew ngħaddu informazzjoni dwarek lil oħrajn għall-iskopijiet li ġejjin skond il-Linji Gwida Statutorji maħruġa skond il-liġi ta' privatezza:

- għal proġetti ta' riċerka ta' interess pubbliku skond protokolli stretti u approvati minn Kumitat ta' Riċerka Umana u Etika (Human Research and Ethics Committee)
- għal skopijiet ta' taħriġ ta' ħaddiema u studenti
- għal ippjanar ieħor, skopijiet finanzjarji jew ta' immaniġġar għal attivitajiet ta' servizz tas-saħħa.

Il-Linji Gwida Statutorji jiżguraw li fejn l-informazzjoni dwarek tkun meħtieġa għal dawn l-iskopijiet u ma jkunx prattiku li jintalab il-kunsens tiegħek, ikun użat ammont minimu ta' informazzjoni personali u l-informazzjoni personali tintuża skond standards stretti.

Nitolbu l-kunsens tiegħek qabel l-informazzjoni dwar il-pazjent tkun użata jew tkun mgħoddija lil ħaddieħor għal skopijiet oħra li m'humiex imsemmija hawn fuq, bħal m'huma attivitajiet għal ġbir ta' fondi.

## Aċċess għal informazzjoni dwarek

Inti intitolat li titlob aċċess għall-informazzjoni personali kollha li tinkludi r-rekord tas-saħħa tiegħek miżmum mill-provdituri tas-servizz tas-saħħa fi NSW. Normalment tkun mitlub biex tapplika għal aċċess bil-miktub u tipprovdi identifikazzjoni. Tista' tkun mitlub tħallas jekk titlob għal kopji ta' informazzjoni personali tiegħek jew rekords tas-saħħa.

Aċċess għal informazzjoni personali dwarek jista' jkun miċħud f'ċirkostanzi speċjali, bħal m'huma każijiet li fejn jingħata aċċess ipoġġik jew ipoġġi lil persuna oħra f'riskju ta' ħsara.

Jekk taħseb li l-informazzjoni li nżommu dwarek hija ħażina u jkun sar żball, jekk jogħġbok għidilna u aħna nikkoreġu l-informazzjoni. Jekk aħna nemmnu li l-informazzjoni hija tajba, nistgħu nitolbu biex dak li jidhirlek int ikun innutat fuq ir-rekord.

Talbiet għal aċċess jew korrezzjoni tar-rekord tas-saħħa tiegħek għandhom ikunu ndirizzati lil Medical Record Department jew lill-General Manager tal-faċilita' tas-servizz tas-saħħa fejn tattendi.

## Ikkuntattjana

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew ilment dwar il-privatezza ta' l-informazzjoni personali tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattjana:

(Area Health Service contact details / AHS stamp)

Informazzjoni tista' tkun ipprovduta bl-għajnuna ta' interpretu jekk ikun meħtieġ. Dan is-servizz huwa b'xejn u kunfidenzjali.